



Brussell, 9 ta' April 2024
(OR. en)

7539/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0019(COD)**

**CODEC 735
FIN 282
ECOFIN 346**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea għal ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u li temenda l-Ftehim li jstabbilixxi l-BERŻ fir-rigward tal-estensjoni tal-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ għall-Afrika sub-Saħarjana u l-Iraq, u li tneħħi l-limitazzjoni tal-kapital statutorju fuq operazzjonijiet ordinarji (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-22 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 212 TFUE, lill-Kunsill.
2. Fl-14 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni². L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni b'bidliet żgħar u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 50/24 + COR 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

¹ 5768/24.

² 7551/24.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
